**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Novembru, 2021**

Rikors Numru: 218/21 AL

A B C

vs

D C

(MR Number 92/2014)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (08.03.2014) gewwa irRegistru taz-Zwieg, Malta.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, E C, nhar is-17 ta' Novembru 2017 u li Ilum ghadu minorenni.

3. Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar il-4 ta' Marzu 2021 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. A)

4. Illi ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kuntratt tas-separazzjoni, iz-zewg partijiet iddikjaraw illi huma irrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

5. Illi ai termini tal-Artikolu II(i) tal-Kuntratt, l-intimat obbliga ruhu illi jhallas retta alimentarja a favur ibnu il-minuri u ir-rikorrenti tiddikjara illi l-manteniment qieghed ligi mhallas regolarment u ma hemm l-ebda arretrati.

6. Illi kif ikkonfermat ukoll mill-istess kuntratt, il-partijiet ilhom de facto separati minn Mejju tas-sena elfejn u sbatax (Mejju 2017) u cioe' erbgha (4) snin.

7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin u cioe' minn waqt it-tqala tar-rikorrenti, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jikkonferma:

1) Illi l-esponenti jaqbel mal-kontenut u l-premesi kollha fl-ewwel hames paragrafi – u cioe wiehed sa hamsa inkluzi (1 sa 5) – izda hlief rigward il-fatt meta twieled bindhom E, dan sehh fis-17 ta' Novembru 2015 u mhux 2017;
2) Illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin *de facto* separati;
3) Illi ma hemm l-ebda prospetti ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u danperess li ilhom daqstant (totalment) ighixu hajja separati ghal kollox minn xulxin;
4) Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet;
5) Illi ghaldaqstant l-esponenti ma joggezzjonax illi din il-Qorti tghaddi sabiex tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, diment li l-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Lulju, 2021;

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimat

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Marzu, 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.